Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 812/2012AE

**Raymond Zammit [K.I. 511361 (M)]**

**vs**

**Chantelle Falzon [K.I. 145186 (M)]**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Permezz ta' Avviz tat-Talba prezentat fis-6 ta' Dicembru 2012 l-attur talab lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elfejn tlett mija u sittin Ewro (€2,360) rapprezentanti l-ispejjez ghal tibdil ta' pannelli fotovoltajici proprjeta' tieghu u li garrbu hsarat meta taret *membrane* minn fuq il-bejt tal-konvenuta ghall-bejt tal-attur. Din il-hsara saret waqt il-maltempata bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 u wara li l-pannelli kienu ghadhom godda fjamanti u nstallati xahar qabel, cioe' fi Frar. Dan kollu sehh minhabba t-traskuragni tal-konvenuta.

Fir-risposta taghha l-konvenuta eccepiet li (i) l-attur huwa mghobbi bl-oneru li jipprova n-ness bejn il-kondotta kolpuza, attiva jew omissiva, da parti taghha u l-event dannuz allegat; (ii) bla pregudizzju, hija m'hijiex responsabbli a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kodici Civili; (iii) l-ammont huwa f'kull kaz eccessiv; (iv) f'kaz ta' sejbien ta' htija l-attur huwa obbligat jghaddilha l-pannelli fotovoltajici li huwa jasserixxi li garrbu hsarat.

Mill-atti jirrizulta li:-

(i) Sehhet maltempata bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 b'rih qawwi, raghad, xita u anke silg[1];
(ii) Fl-10 ta' Marzu l-attur tela' fuq il-bejt u ra xi haga kbira sewda mdendla minn fuq il-pannelli ghal fuq il-bejt. X'hin ittawwal ghal fuq il-bejt tal-gar ra bicca *membrane* ohra kbira fuq il-bejt tieghu. X'hin iccekkja l-pannelli huwa sab erbgha minnhom migrufin. Il-*membrane* kien inqala' minn fuq il-bejt tat-tomba tal-post tal-konvenuta[2];

[1] Skont Rapport tal-Ufficcju Meterjologiku mmarkat bhala Dok CF 1 u anness mal-affidavit tal-konvenuta
[2] Affidavit tal-attur a fol 13

(iii) In kontro-ezami[3] l-attur qal li ghalkemm vizwalment ma rax il-hsara ssir huwa cert li l-hsara saret minn din il-*membrane* peress li l-*aluminium* tal-genb tal-pannelli huwa migruf bl-iswed u cioe' bil-qatran tal-*membrane*. Cahad li l-hsara setghet giet kawzata minn xi haga ohra li taret waqt il-maltempata peress li fuq il-bejt tieghu u anke tal-gar, il-*membrane* tal-konvenuta biss instab. Huwa ma ra ebda silg fuq il-bejt u nsista li l-hsara ma setghetx giet kawzata minnu ghax kieku kienu jigu dannegjati l-pannelli kollha u mhux biss uhud. L-attur qal li l-pannelli jidhru li ma tkissrux b'mod li ma jintuzawx izda peress li dawn kien ilhom inqas minn xahar imwahhlin huwa riedhom godda kif kienu. Huwa ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk din il-hsara kinitx wahda estetika jew jekk tnaqqasx l-uzu tal-pannelli izda l-bejjiegh kien qallu dawn bhal nuccali – jekk tigriflu l-hgiega ma tibqax tara kif suppost;

(iv) Il-gar tal-attur, Robert Aquilina ukoll xehed li sab il-*membrane* fuq il-bejt tieghu u nnota bicciet tal-*membrane* kbar fuq il-bejt tal-attur. Huwa qal li l-*membrane* inqala minn fuq il-bejt tal-konvenuta minhabba l-maltempata msemmija[4];

(v) Raymond Zammit, gar iehor, ukoll sab ammont mhux hazin ta' *membrane* fuq il-bejt tieghu. Innota li l-*membrane* kien inqala' minn fuq il-bejt tal-konvenuta[5];

(vi) Il-konvenuta nsistiet li l-*membrane* fuq il-bejt taghha kien twahhal skont l-arti u s-sengha u qatt ma kellha problemi bih fil-passat. L-attur naqas li jgib prova konkreta tal-hsara lamentata u lanqas ma pprova li l-hsara kienet gejja mill-bejt taghha u mhux minn oggetti ohra. Fi kwalunkwe kaz hija nsistiet li kwalunkwe hsara li saret lill-pannelli, anke jekk verament saret mill-membrane ta' fuq il-bejt taghha saret unikament minhabba l-istat tat-temp ta' dakinhar. Hija qalet ukoll li minn informazzjoni li ghandha nofs il-prezz tal-pannelli huwa sussidjat mill-Gvern u ghalhekk m'huwhiex ragjonevoli li l-attur jithallas il-prezz intier taghhom.

B'sentenza tad-29 ta' Ottubru 2013 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda l-vertenza kif gej:

*"Ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba tal-attur u jikkondanna l-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u sittin ewro lill-attur sabiex jinbidlu l-pannelli pero' tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuta fejn tghid illi l-pannelli esistenti u li ser jinbidlu ghandhom jinghataw lil konvenuta stess stante illi l-attur ser jixtri l-godda. L-attur ghandu fi zmien ta' mhux aktar minn xahar wara li-pagament jghaddi l-pannelli fl-istat li huma skond ir-ritratti pprezentati fil-kawza u minghajr danni ikbar lil konvenuta. Bl-imghax*

[3] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013
[4] Affidavit a fol 25.
[5] Affidavit a fol 26.

*ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha tal-kawza."*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza.

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-ewwel aggravju</u>.**

L-appellanta tilmenta mill-fatt li t-Tribunal naqas milli jiddetermina l-eccezzjoni tal-forza magguri u/jew il-kaz fortuwitu u tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili. Il-Qorti ma taqbilx li dan kien il-kaz. Mill-kunsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal jirrizulta li wara li evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu wasal ghall-konkluzjoni li l-kawza prossima tal-hsarat kawzati lill-pannelli proprjeta' tal-attur ma kienx il-maltemp *per se* izda l-*membrane* li nqala' waqt il-maltempata u li fil-fehma tat-Tribunal ma sarx skont l-arti u s-sengha jew ma saritlux il-manutenzjoni mehtiega. It-Tribunal qies illi l-prova li nstab il-*membrane* imdendel mal-pannelli u l-grif iswed maghhom kien jikkostitwixxi n-ness tal-kawzalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. Il-fatt ghalhekk li l-ezitu dwar l-eccezzjoni tal-forza magguri/kaz fortuwitu mressqa mill-appellanta kien wiehed sfavorevoli ghaliha ma jammontax ghal nuqqas ta' determinazzjoni tal-istess.

L-appellanti argumentat li t-Tribunal naqas milli jaghmel evalwazzjoni approfondita tal-fatti u l-provi kollha mressqa. Partikolarment minhabba l-maltempata qawwija li sehhet meta gew dannegjati l-pannelli fotovoltajici tal-attur ma kienx possibbli ghall-konvenuta appellanti li tipprevedi l-forza tar-rih u l-effetti tieghu. Inoltre l-fatt li nstabu bicciet tal-*membrane* fuq il-pannelli la hija minnha nnifisha prova assoluta li dawn kienu l-kawza tal-hsara u lanqas hija prova li dawn kienu gejjin mill-bejt tal-attrici. L-appellanti tattribwixxi l-forza magguri ghall-hsara subita fuq il-pannelli fotovoltajici proprjeta' tal-attur u dan a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

"*Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."*

L-allegazzjoni tal-forza magguri necessarjament trid issir minn min jallegaha, f'dan il-kaz l-appellanti. Hija tixhed hekk fl-affidavit taghha: *"...jien ma kelli ebda kontroll fuq dak li allegatament gara, peress li dawn il-hsarat....saru unikament minhabba l-istat tat-temp ta' dakinhar."* Il-Qorti tqis li gie sodisfacentement pruvat li bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012, kien il-maltemp partikolarment b'rih qawwi f'hinijiet minnhom anke forza ta' riefnu. L-appellanti fil-kors tal-kawza ghamlet tentattivi li tqanqal dubju jew

suspett li l-hsara in kwistjoni setghet sehhet direttament minn elementi tan-natura bhas-silg jew inkella minn oggetti ohra (mhux *membrane*) li setghu taru mar-rih. Fl-affidavit taghha hija tghid li *"grif jew hsarat bhal dawn jistghu jigu kkawzati bis-silg fost affarijiet ohra."* Izda huwa nverosimili li jekk ghamel is-silg b'certa sahha jaqa' fuq u jiddannegja biss partijiet minn uhud mill-pannelli. Ukoll meta jinzel is-silg b'certa sahha l-impatt li jaghmel ikun aktar f'forma ta' ghafsa (*dent*) milli girfiet irqaq u tawwalin kif jidher mir-ritratti esibiti[6]. Anke fil-kontro-ezami li sar lill-attur[7], l-attrici ppruvat tissuggerixxi li "l-grif jew hsarat saru minn xi haga ohra li kienet qed ittir" minhabba l-forza tar-rih. Izda minn dan ma gie effettivament pruvat xejn b'mod konkret, u ghalhekk dawn l-insinwazzjoniijiet ma jistghux hlief jitqiesu bhala kongetturi.

Kif intqal fil-kaz fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et[8]** deciz fis-26 ta` Settembru 2013:

*"... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju."*

Imiss ghalhekk jigi stabbilit mill-assjem tal-provi li tressqu x'kienet il-kawza prossima tal-hsara kawzata fil-pannelli fotovoltajici in kwistjoni:

i. L-attur xehed li wara l-maltempata sab bicca kbira tal-*membrane* fuq il-pannelli fuq il-bejt tieghu. Dan gie konfermat mill-gar tieghu Robert Aquilina li kkonferma fl-affidavit tieghu li fl-istess gurnata, u cioe' fl-10 ta' Marzu 2012 sab bicciet tal-membrane mhux biss fuq il-bejt tiegu izda anke nnota "*bicciet tal-membrane kbar*" fuq il-bejt tal-attur;
ii. Il-gar l-iehor tal-attur, Charlon Psaila, fl-affidavit tieghu ukoll xehed li sab ammont sostanzjali ta' membrane fuq il-bejt (konfermati minn ritratt esibit a fol 26);
iii. Ix-xhieda tal-girien ma giet kontradetta b'ebda mod u ma sarilhom ebda kontro-ezami;
iv. L-attur xehed li wara l-maltempata ma nstabux oggetti ohra fuq il-pannelli jew fuq il-bejt tieghu hlief il-*membrane*.
v. In-natura tawwalija u rqiqa tal-grif fuq il-pannelli hija kompatibbli ma

[6] Fol 14.
[7] Seduta tal-24 ta' Gunju 2013.
[8] Cit Nru 2590/1999 Prim Awla tal-Qorti Civili.

oggett tawwali, ta' materjal ahrax bit-truf li jaqtghu jew jigirfu bhal ma hu l-*membrane*.

Meta wiehed iqis ghalhekk li mhux biss fuq il-bejt tal-attur izda anke fuq il-bjut tal-girien instab kwantita' ta' *membrane*; ma nstabux oggetti ohra li setghu jigu meqjusa li kkawzaw il-hsara fuq il-pannelli in kwistjoni; kif ukoll min-natura tal-istess hsarat, il-Qorti tikkonkludi li mill-assjem tal-provi mressqa gie ragjonevolment pruvat li l-hsara gie kawzata minn *membrane* li spicca fuq il-pannelli fotovoltajici tal-attur.

Il-kwistjoni l-ohra li trid tigi rizolta hija jekk il-*membrane* misjub fuq il-bejt tal-attur hu dak li nqala' minn fuq il-bejt tat-tromba tal-appellanti. Bhala stat ta' fatt la l-appellanti, la l-appellant u lanqas il-girien li taw ix-xhieda fil-kaz ma kienu prezenti fuq il-bejt waqt il-maltempata u ghalhekk strettament hadd ma assista direttament u vizwalment ghall-dak li kien qieghed jigi ezatt waqt il-maltemp. Isegwi li tali prova kellha tirrizulta minn dak li gie skopert immedjatament wara li ghaddiet il-maltempata. Kemm l-attur appellat kif ukoll iz-zewg girien kollha kkonfermaw bil-gurament li meta ndagaw biex jaraw minn fejn seta' gie dan il-*membrane*, l-uniku membrane nieqes fl-akwati kien dak li qabel kien imwahhal fuq it-tromba tal-bejt tal-appellanti. Gie esibit anke ritratt tal-bejt tal-appellanti minghajr *membrane*[9]. Rinfaccjata b'dawn il-provi, l-appellanti fl-affidavit ma cahditx li l-*membrane* tal-bejt taghha nqala' anzi kkonfermat dan meta qalet "*Inzerta li fil-jum li nqala' l-membrane*.....".

La jista' ghalhekk jigi dedott li (i) l-appellanti rrikonoxxiet li nqala' l-*membrane* tal-bejt taghha, (ii) l-bjut tal-appellat u z-zewg xheida l-ohra kienu vicin il-bejt taghha, (iii) nstab kwantita' ta' *membrane* fuq il-bjut taghhom, allura kien f'dak l-istadju jispetta; lill-appellanti li ggib prova ta' fejn proprju spicca l-*membrane* li nqala' minn fuq il-bejt taghha u partikolarment tipprova li dan ma spiccax fuq il-bjut ta' dawn il-girien partikolari. L-appellanti ma ressqet ebda prova li permezz taghha rnexxielha teghleb il-provi li ressaq l-attur.

Maghmula din il-konkluzjoni, xorta jirrizulta li hemm konnessjoni bejn il-hsara li saret lill-pannelli u l-maltemp li sehh fil-jumejn imsemmija fis-sens li ragonevolment jista' jitqies li l-*membrane* in kwistjoni gie mtajjar kawza tar-rih qawwi li laqat il-gzejjer Maltin. Izda dan xorta ma jistax awtomatikament jiffavorixxi d-difiza tal-forza magguri mqajma mill-appellanti sakemm ma jigix pruvat li d-dannu kawzat ma setax jigi evitat jew previst bl-intervent diligenti ta' persuna ordinarja.

Kif intqal fil-kaz **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et**[10] deciz fl-24 t'April 2015:

[9] Fol 25.
[10] Rik 587/03 Qorti tal-Appell.

*"Izda diversi drabi gie ritenut li l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta' min ikkaguna d-danni. Ara **"Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et",** Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938. Infatti l-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negativ, tal-bniedem. Skont il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".*

*"Persuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessita` biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'. (Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca **Raymond Sammut vs Anthony Micallef** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u **Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea** deciza fl- 24 ta' Mejju 1954 mill-Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet **Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi** deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell.*

L-appellanti tghid fl-affidavit taghha li *"l-membrane fuq il-bejt tieghi twahhal skont l-arti u s-sengha u qatt ma kellna problemi bih fil-passat".* Il-fatt li fil-passat jidher li ma tahiex problema ma huwa ebda garanzija ghal dak li seta' jsehh fil-futur. Mhux probabbli li minhabba maltempata, jinqala' membrane minn postu. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li t-Tribunal kellu ragun jikkonkludi illi li kieku l-membrane *sar "skont l-arti u s-sengha jew kieku saritlu l-manutenzjoni mehtiega ma kienx jinqala'.."* Huwa realistiku li f'maltempati ssir hsara f'xi bnadi partikolament ghal oggetti u strutturi li jkunu fuq barra, fosthom allura *membrane*, imma mhux normali u realistiku li f'maltempata jinqala' l-*membrane* kollu minn fuq bejt. L-unika spjegazzjoni ragjonevoli li tista' tinghata hija li dan sehh jew ghax ix-xoghol originarjament ma kienx sar sew u spicca biex fl-ahhar ceda ghall-elementi tan-natura jew inkella minhabba nuqqas ta' kura u manutenzjoni tieghu matul iz-zmien. Din il-konkluzjoni hija wkoll realistika tenut kont li rrizulta, u ma giex kontestat mill-appellanti, li hija ma tabitax fil-fond minn fejn inqala' l-*membrane* – 29, Triq il-Menqa, Safi - izda tghix go post iehor – 25, Triq il-Menqa, Safi. Dan apparti li fuq bazi ta' probabilita' temmen li l-konvenut ma kinitx qeghda, minn zmien ghal zmien, taghmel verifiki biex tara jekk il-membrane qatax minn mal-art. Allura hija ferm plawsibbli d-deduzzjoni li l-appellanti ma kinitx qeghdha taghti l-attenzjoni mehtiega lill-manutenzjoni tal-bejt minn fejn inqala' l-*membrane*.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

L-appellanti tilmenta wkoll li t-Tribunal akkorda d-danni lill-attur billi strah unikament

fuq l-istima tal-prezz totali ta' Eur2,360 ghal erba' pannelli fotovoltajici godda[11]. Dan minghajr qatt ma tressqet prova mill-attur dwar il-*quantum* tal-hsara li sofrew il-pannelli u jekk dawn setghux jissewwew. Ghalhekk it-Tribunal ma kellux bazi fuq hiex jikkonkludi illi l-appellanti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' pannelli godda meta fl-atti ma kien hemm xejn x'jiddetermina konklussivament li l-pannelli kienu totalment inadatti.

F'dan il-kuntest rilevanti huma:

i. **Elmo Insurance Limited vs Trevor Vassallo** deciza 26 ta' Novembru 2003[12] -

*"In propositu u in vena legali, il-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kaggjonata l-hsara" [App.Civ.* ***John Tufigno vs Joseph Micallef noe****.]8. Inoltre, ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b' pizijiet biex jirriduci l-hsara. Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil-* ***Halsbury*** *citat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Mallia vs Moore*** *citata fil-kawza App.Inf.****John Xuereb vs James Edward Livick et****.: It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer".*

*Illi "il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel iddanneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" [App.Civ.* ***Joseph Aquilina vs Emmanuele Schembri]."***

*"Ghalhekk, huwa manifest li, ghalkemm id-danneggjat ghandu l-obbligu li jimmitiga d-danni sofferit minnu, huwa m'ghandhux jigi assoggettat li jaccetta li l-hsara tigi riparata bit-tlaqqit, imma ghandu d-dritt jassigura u jesigi li x-xoghol isir skond is-sengha, b'mod li kemm jista' jkun il-posizzjoni tieghu tigi ripristinata."*

[11] Fol 2
[12] Rik Nru 1942/1999 Prim Awla tal-Qorti Civili u konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru 2006.

**ii. Maria Xuereb et vs TBS Services Ltd** deciza fl-20 t'Ottubru 2003[13] -

*"Issa hu veru li d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta' l-att illecitu ta' min ikkaguna l-hsara (**Vol XXXVIII pI p249**; **Vol XL pI p653**). Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex itaffi l-hsara hi, pero`, kwestjoni ta' fatt li trid tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut.*

*Inoltre, irid jigi sottolinejat ukoll illi ma tezisti l-ebda regola daqstant assoluta jew inflessibbli illi biex il-kondotta tad-danneggjat titqies ragjonevoli dan ghandu bilfors u dejjem jikkonsentixxi jew jippermetti lid-danneggjant isewwielu d-danni, inkella, jekk ma jaghmilx dan, jitlef id-dritt tieghu ghar-rizarciment tal-istess danni.*

*Jibqa' fuq kollox il-principju generali regolanti materji ta' rizarciment ta' danni, bhal prezenti, li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji l-Qorti tqis ghalhekk li f'materja ta' rizarciment tad-danni ghandu jintlahaq bilanc proporzjonat bejn id-dritt tad-danneggat li kemm jista' jkun jigi ripristinat *status quo ante* fit-tgawdija tal-possedimenti tieghu u d-dmir tieghu pero' li b'mod ragonevoli jimpenja ruhu li jimmitiga d-danni subiti.

Fil-kaz odjern huwa evidenti mir-ritratti esibiti li l-brix li sar fuq l-erba' pannelli danneggati m'uwhiex kollu tal-istess portata. Almenu zewg pannelli ghandhom brix minimu u tnejn minnhom ftit aktar. Huwa minnu li minn dak li rrizulta mill-provi, meta sehh l-incident il-pannelli kienu prattikament. Pero' xorta jibqa' d-dover tal-appellat li sa fejn hu possibbli jnaqqas id-danni subiti. L-appellanti ghandha ragun targumenta li l-appellat kellu almenu jgib provi li juru kemm kien id-dannu fuq kull wahda mill-pannelli, x'effett kellha din il-hsara fuq l-efficjenza ta' kull wahda minnhom u jekk kienx ragjonevolment possibbli li l-pannelli jew almenu uhud minnhom jigu msewwija. Minflok, l-attur arbitrarjament skarta dawn l-obbligi tieghu u esiga mmedjatament ir-rizarciment shih tal-prezz ta' erba' pannelli godda. L-appellat kien xehed hekk in kontro-ezami:

*"Mistoqsi jekk il-pannelli tkissrux b'tali mod li ma jistghux jintuzaw jiena nghid illi l-pannelli jidhru li ma tkissrux b'mod illi ma jintuzawx izda l-pannelli lanqas*

[13] Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) Nru 566/01.

*biss kienu ilhom xahar imwahhlin u ghalhekk nippretendi illi jkolli pannelli godda kif kelli."*

Dan ir-ragunament tal-appellat ma jistax jitqies li jirrispekkja l-principji citati. M'hemmx prova teknika dwar il-brix li jidher fuq il-pannelli. Il-qorti fehemet li l-pannelli in kwistjoni baqghu jintuzaw biex jiggeneraw l-elettriku. Ghalhekk fid-dawl tan-nuqqas ta' prova mill-attur appellat li fuq bazi ta' probabilita' u skont l-ekwita' huwa verament sofra t-total shih ta' danni akkordati lilu mit-Tribunal, din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm l-attur appellat jisthoqqlu li jigi kumpensat ghal hsara, pero' dan mhux sal-ammont shih akkordat lilu mit-Tribunal. Dan meta tqies in-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward u dak li jidher fir-ritratti mehmuza mal-affidavit tal-attur (fol. 14). Il-Qorti qeghda ghalhekk *arbitrio boni viri* tillikwida kumpens ta' tmien mija u hamsin ewro (€850) a favur tal-appellat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:-**

**(i)tilqa' l-appell tal-appellanti sa fejn biss huwa kompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichdu fil-kumplament;**

**(ii) tirriforma ghalhekk is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 t'Ottubru 2013 fl-ismijiet premessi billi thassarha f'dik il-parti fejn it-Tribunal ikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u sittin Ewro (€2,360) lill-attur sabiex jinbidlu l-pannelli danneggati u fejn laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta appellanti illi l-pannelli ezistenti li kienu ser jinbidlu kellhom jinghataw lilha stess fi zmien xahar mill-pagament tal-pannelli l-godda. Tiddeciedi minflok billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsin ewro (€850) *arbitrio boni viri* u tikkonfermaha fil-bqija;**

**(iii) l-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) a karigu tal-appellanti u terz (1/3) a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.